# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 623.11

## REGOLAMENTI DWAR L-OBBLIGI TA' ASSIGURAZZJONI TA' SITI TA' KOSTRUZZJONI

27 ta' Frar, 2024

*L-AVVIŻ LEGALI 38 tal-2024.*

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar l-Obbligi ta' Assigurazzjoni ta' Siti ta' Kostruzzjoni. Titolu u applikabbiltà.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal kwalunkwe xogħol ta' kostruzzjoni li jinbeda wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni; Kap. 623.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità tal-Bini u l-Konstruzzjoni kif mwaqqfa bl-artikolu 5 tal-Att;

"ċertifikat ta' tlestija tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni" tfisser id-dikjarazzjoni ta' tlestija tax-xogħlijiet maħruġa mill-perit responsabbli tax-xogħlijiet strutturali u xogħlijiet oħra kollha inkluż is-saqaf, it-torba tas-soqfa, it-terrazzi u l-btieħi, l-għeluq ta' aperturi u xogħlijiet oħra sabiex il-bini jiġi ssiġillat kontra d-dħul tal-ilma;

"dikjarazzjoni ta' kopertura tal-assigurazzjoni" tfisser dokument li għandu jinħareġ mill-imrpiża ta' assigurazzjoni awtorizzata u l-imsemmi dokument għandu jiġi sottomess lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv fi żmien ġimagħtejn (2) qabel kwalunkwe bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni:

Iżda din id-dikjarazzjoni għandha sservi biss bħala konferma tal-eżistenza ta' kopertura tal-assigurazzjoni u d-dettalji tat-termini u l-kundizzjonijiet li fuqhom tkun ġiet effettiva l-assigurazjoni, għandhom jiġu vverifikati u aċċertati biss mill-kuntratt ta' assigurazzjoni;

"klijent" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"kostruzzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

Kap. 403.

"kuntratt ta' assigurazzjoni" tfisser ftehim kuntrattwali ma' impriża ta' assigurazzjoni awtorizzata taħt l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni jew impriża tal-assigurazzjoni Ewropea kif imfissra fl-istess Att sabiex ikopri xogħlijiet inerenti għall-proġett kif ukoll sabiex ikopri għall-protezzjoni u l-indennizz ta' kwalunkwe telf potenzjali li jirriżulta mit-twettiq tax-xogħlijiet kif elenkati fid-dikjarazzjoni tal-metodu għall-proġett, fir-rigward ta' responsabbiltà li tirriżulta fil-konfront ta' kwalunkwe persuna terza inkluż korriment, mewt jew ħsara lill-proprjetà li jistgħu jirriżultaw mix-xogħlijiet:

Iżda l-kuntratt ta' assigurazzjoni għandu jispeċifika li huwa soġġett għal-Liġijiet ta' Malta, u l-Qrati ta' Malta għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu u jiddeċiedu dwar kwalunkwe proċeduri istitwiti li jirrigwardaw il-kuntratt ta' assigurazzjoni u kwalunkwe kwistjoni anċillari għall-imsemmi kuntratt ta' assigurazzjoni;

"perit responsabbli" tfisser il-perit inkarigat mill-proġett u li jassumi r-responsabbiltà għall-eżekuzzjoni tal-proġett fl-intier tiegħu;

"proprjetà kontigwa" tfisser il-proprjetà immedjata ta' terza persuna biswit is-sit tal-kostruzzjoni li tista' tiddividi jew xort'oħra, ħajt ta' parti diviżorja mas-sit ta' kostruzzjoni, kemm jekk fuq il-ġenb jew fuq wara tas-sit, jew sovrastanti jew sottostanti proprjetà ta' terza persuna oħra;

"sit tal-kostruzzjoni" tfisser is-sit fejn jiġu esegwiti xogħlijiet ta' kostruzzjoni u fejn jintbagħtu t-tagħmir u, jew il-materjali u x-xogħlijiet u s-servizzi, u fejn il-ħaddiema qed jesegwixxu l-professjoni tagħhom għall-fini tal-proġett kif approvat. Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, sit tal-kostruzzjoni għandu jinkludi wkoll is-sit kontigwu mas-sit fejn qed isiru xogħlijiet ta' kostruzzjoni, u użat għall-fini ta' tqegħid temporanju ta' bini, strutturi mobbli, opri, impjanti jew makkinarju li jkunu meħtieġa b'rabta ma', u matul id-durata tax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni;

"Uffiċjal Kap Eżekuttiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"xogħlijiet" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att.

Polza tal-assigurazzjoni.

**3.** Kwalunkwe sit ta' kostruzzjoni għandu jkun kopert b'polza tal-assigurazzjoni valida li tipprovdi kontra kwalunkwe telf, ħsara, korriment jew mewt li tista' tiġi sostnuta minn kwalunkwe terza persuna b'konsegwenza ta' kwalunkwe att jew ommissjoni kkaġunata jew miġjuba mix-xogħlijiet jew l-attivitajiet ta' kostruzzjoni mwettqa mill-klijenti, mill-kuntratturi tagħhom u minn kwalunkwe

sottokuntratturi ingaġġati sabiex iwettqu tali xogħlijiet, inkluż kwalunkwe xogħlijiet magħmula jew li naqsu milli jsiru mill-impjegati tagħhom:

Iżda l-kopertura tal-assigurazzjoni għandha tkopri limitu ta' responsabbiltà għal terzi persuni ta' mhux inqas minn seba' mija u ħamsin elf euro (€750,000) qabel il-ħruġ tal-awtorizzazzjoni sabiex jinbdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv. L-imsemmija polza tal-assigurazzjoni għandha tinżamm jew tiġi estiża jew imġedda matul id-durata kollha tax-xogħlijiet sas-sottomissjoni ta' ċertifikat ta' tlestija tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni skont ir-regolament 6.

Limitu tar-responsabbiltà ta' kopertura.

**4.** Il-limitu ta' responsabbiltà ta' kopertura fuq il-minimu indikat fir-regolament 3 fil-polza tal-assigurazzjoni għandu jkun iddeterminat mill-kuntratt tal-assigurazzjoni abbażi ta' valutazzjoni valida tar-riskji involuti.

Dikjarazzjoni tal-kopertura tal-assigurazzjoni.

**5.** Il-klijent għandu jissottometti dikjarazzjoni ta' kopertura tal-assigurazzjoni lill-Awtorità fil-formola preskritta li għandha tkun magħmula disponibbli fuq il-website tal-Awtorità.

Ċertifikat ta' tlestija tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni.

**6.** (1) Mat-tlestija tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, il-klijent għandu jissottometti lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, fi żmien ġimagħtejn (2) mit-tlestija tax-xogħlijiet, ċertifikat ta' tlestija tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni kif approvat mill-perit responsabbli:

Iżda ċertifikat ta' tlestija tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għandu jkun sottomess lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv kif provdut fis-subregolament (1).

(2) Id-data taċ-ċertifikat ta' tlestija tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għandha tiġi ppubblikata fuq il-website tal-Awtorità mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, u l-perit responsabbli għandu fi żmien ġimagħtejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni fuq il-website, javża wkoll lis-sidien u lill-okkupanti kollha ta' dawk il-proprjetajiet, li għalihom rapport ta' kondizzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7 tar-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni kien ġie sottomess mill-perit li kkompila l-imsemmi rapport ta' kondizzjoni, bid-dettalji ta' tali ċertifikat dwar it-tlestija tal-proġett. L.S. 623.06.